MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Numru 459/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M'Stella Cutajar)**

**vs**

**JOSEPH GRECH**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Grech, ta' 32 sena, bin Saviour u Josette nee' Busuttil, imwieled Pieta', data tat-twelid: 29.09.1971 u joqghod: 'Piranha', Pjazza tal-Gublew tad-Djamanti, Mqabba detentur tal-karta ta' l-Identita': 445871(M) gie akkuzat:

a) talli nhar is-27 ta' Frar, 2004 wara nofs inhar gewwa Siggiewi Road, Zebbug b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna ferita' ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Attard (studenta ta' disa' snin) u li kienet fil-periklu imminenti li titlef hajjitha hekk kif iccertifika t-tabib Jonathan Joslin M.D. mill-Isptar San Luqa (skond l-art. 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna ferita' ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Arthur John Galea hekk kif iccertifika t-Tabib Adrian Spiteri mill-Isptar San Luqa (skond l-art. 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna ferita' ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Elaine Agius, studenta ta' erbatax-il sena hekk kif iccertifika t-tabib Mark Vella M.D. mill-Isptar San Luqa (skond l-art. 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna ferita' ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Nikita Schembri, studenta, hekk kif iccertifika t-tabib mediku Dr. A. A. Sammut M.D. mill-Klinika tas-Siggiewi (skond l-art. 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

e) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna ferita' ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dorianne Schembri, ghalliema, hekk kif iccertifika t-tabib mediku Mark Vassallo M.D. (skond l-art. 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

f) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna ferita' ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Clarisse Mizzi, studenta, hekk kif iccertifika t-tabib mediku K. Ellul M.D. (skond l-art. 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

g) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna ferita' ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joanne Cassar, studenta, hekk kif iccertifika t-tabib mediku A. A. Cordina M.D. (skond l-art. 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

h) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi involontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara hija ingenti ghamel hsara fuq il-coach Bedford Dominant LCY-858 ghad-dannu ta' Arthur John Galea;

i) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq il-bus numru tar-registrazzjoni EBY-500 ghamla Leyland GTI-190 b'manjiera perikoluza;

j) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq l-istess bus bin-numru EBY-500 b'mod negligenti u speed eccessiv;

k) talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura qasam il-linji bojod kontinwi bi ksur ta' l-m.v.r 88 LN/49/99;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' kundanna sabiex tiskwalifika lill-imsemmi Joseph Grech milli jkollu jew milli jikseb licenzji tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali markat bhala Dok MSC3 u li jinsab a fol. 8 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17(b) u (d), 226 u 328(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15(1)(a), 15(2), 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u t-Tieni Skeda tal-istess Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 88 tal-Avviz Legali 128/1994.

Issib lill-imputat Joseph Grech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-gravita' tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Grech ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tlett elef u hames mitt Liri Maltin (Lm3500) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Joseph Grech jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Joseph Grech milli jkollu jew milli jikseb licenzji tas-sewqan ghal zmien sentejn millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Grech l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------